MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 186/2003

**Il - Pulizija**

**v.**

**Raymond Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Caruana talli:

(1) fil-21 ta' Frar 1998 f'Marsilja, Franza, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', mudell ta' l-1998, numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, a detriment tal-kumpanija 'Alisan International Transport & Trade Inc.', liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur li

jeccedi l-elf Lira Maltin (LM1000), u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) f'Lulju 1998 u fiz-zmien ta' qabel, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe` ta' vettura tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ta' valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (LM1000), sew jekk dan ir-reat sar f'Malta jew barra minn Malta, a detriment tal-kumpanija 'Alisan International Transport & Trade Inc.', ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-istess zmien u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta' *number plates* foloz (GTM-217), fuq l-imsemmija vettura u cioe` fuq il-vettura tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tax-*chassis* tal-vettura tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta' *number plates* foloz (GTM-217), fuq vettura ohra tal-ghamla 'Volvo Tractor FH 12', numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti ta' l-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15(1b) u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) fl-istess zmien u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta’ xi tibdil fix-chassis tal-vetturi tal-ghamla ‘Volvo Tractor FH12’, numru ta’ registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, dan ai termini tal-Artikoli 17 u 91 tar-Regolamenti ta’ l-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikolu 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(7) f’isem il-Kontrollur tad-Dwana talli fl-24 ta’ Frar 1998, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern billi jevadi d-dazju u/jew xi xorta ta’ taxxa ohra dovuta, u/jew ukoll xi restrizzjonijiet ohra, xjentement bil-qerq importa jew dahhal, jew kellu b’xi mod x’jaqsam filli tigi mportata jew imdahhla f’dawn il-Gzejjer, vettura ta’ l-ghamla ‘Mechanical Horse’ tal-marka ‘Volvo FH12 4x2’, mudell ta’ l-1998, numru tax-*chassis* YVZA4B3A7WB188568 u bin-numru tar-registrazzjoni lokali GTM-217, liema pjanci b’tali registrazzjoni ma kinux jappartjenu lill-imsemmi ‘Mechanical Horse’ izda cioe` lil vettura ohra ta’ l-istess ghamla w marka jigifieri ‘Volvo FH12’ pero’ mudell ta’ l-1992, numru tac-chassis 320203/22192 u bin-numru tar-registrazzjoni GTM-217 kif originarjament mahrug mill-awtoritajiet kompetenti;

(8) fl-istess data mal-wasla tieghu f’Malta bil-vapur MV Zebbug qarraq bl-Ufficjali tad-Dwana u l-Awtoritajiet kompetenti koncernati, meta ghamel dikjarazzjoni u/jew issottometta dokument u/jew informazzjoni li b’xi mod kienu foloz, meta dan kien jaf li d-dettalji fid-Dokument tad-Dwana ‘Temporary Exportation Permit’ minnu prezentat ma kinux ta’ l-imsemmija vettura li kienet qeghda tigi mportata izda ta’ vettura ohra li huwa stess kien u/jew ta x’jifhem li kien hareg minn Malta, fit-18 ta’ Novembru, 1997 mal-vapur MV Nicolas A b’dan l-istess dokument;

(9) fil-perijodu wara l-24 ta’ Frar, 1998, xjentement kellu kontra l-ligi fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu din il-vettura;

(10) fl-istess perijodu ta' zmien, bhala l-persuna responsabbli minn din il-vettura, xjentement naqas fiz-zmien kif stipulat milli jaghmel dikjarazzjoni shiha ta' l-imsemmi 'Mechanical Horse';

(11) u aktar talli l-importazzjoni ta' l-imsemmi 'Mechanical Horse' hija pprojbita u/jew ristretta, u ghandu valur ta' LM17500 u dazju ta' LM3500, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(a),(b),(k), 62(a),(b),(f)(g),(h),(i),(k),(l),(m),(n) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, u l-Att XXXV ta' l-1989 dwar iz-Dazji ta' l-Importazzjoni Kap. 337;

(12) f'isem id-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana w tas-Sisa, gie akkuzat talli fl-24 ta' Frar 1998, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern billi jevadi t-Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjonijiet xjentement bil-qerq importa jew dahhal, jew kellu b'xi mod x'jaqsam billi tigi mportata jew imdahhla f'dawn il-Gzejjer, vettura ta' l-ghamla 'Mechanical Horse' tal-marka 'Volvo FH12 4x2", mudell ta' l-1998, numru tac-chassis YVZA4B3A7WB188568 u bin-numru tar-registrazzjoni lokali GTM-217, liema pjanci b'tali registrazzjoni ma kinux jappartjenu lill-imsemmi 'Mechanical Horse' izda cioe` lil vettura ohra ta' l-istess ghamla w marka jigifieri 'Volvo FH12' pero' mudell ta' l-1992, numru tac-chassis 320203/22192 u bin-numru tar-registrazzjoni GTM-217 kif originarjament mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti;

(13) u aktar talli l-importazzjoni ta' l-imsemmi 'Mechanical Horse' hija pprojbita u/jew ristretta, u ghandu valur ta' LM17500, fuqu kellha tithallas Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjoni ta' LM2625, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 69 ta' l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Att. Nru. XII ta' l-1997).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Raymond Caruana jhallas l-ispejejz li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kodici kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263, 264, 267, 278, 279, 280, 334, 188, 189, 17(b), 20, 23, 28A u 533 tal-Kap. 9, l-Artikoli 15(1)(b) u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Avviz Legali 128/1994, l-Artikoli 18, 60(a)(b)(k), 62(a)(b)(f)(g)(h)(i)(k)(l)(m)(n) tal-Kap. 37, l-Att XXXV tal-1989 tal-Kap. 37, l-Artikolu 69 tal-Att XII/1997, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha, salv dawk ta’ serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u talli ghamel falsifikazzjoni w xjentement ghamel uzu minn dokument falz u cioe` it-thassir tan-numru tac-chassis tal-vettura, mill-liema tlett akkuzi lliberatu, u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sentejn sospizi ghal erbgha snin u oltre dan ordnat lill-imputat ihallas multa ta’ wiehed u erbghin elf, mija w hamsa u ghoxrin lira Maltin, (LM 41,125) rappresentanti in kwantu ghal hamsa w tletin elf lira d-doppju tal-valur tal-vettura impurtata, tlett elef u hames mitt lira Maltin li hu dazju dovut fuq din il-vettura skond id-dokument CSH2 esebit a fol. 42 tal-atti odjerni u elfejn sitt mija hamsa w ghoxrin lira Maltin li huwa s-Sisa dovuta skond id-dokument CSH 18 esebit fl-atti odjerni a fol. 119 u dan favur il-Gvern ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Raymond Caruana pprezentat fid-9 t’Ottubru 2003, li bih talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu mhux hati ta’ l-ewwel, ir-raba’ u s-sitt imputazzjonijiet, thassarha u tikkancellaha f’dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni, il-hames, is-seba’, itt-mein, id-disa’, l-ghaxar, il-hdax, it-tnax u t-tlettax-il imputazzjonijiet, u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fil-15 t’Ottubru 2003, li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija w l-piena nflitta salv li ukoll tordna l-konfiska tal-vettura “Volvo Tractor FH12” skond il-Ligi;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta’ Dicembru 2003 li permezz taghha, wara li ma deherx l-imsemmi Raymond Caruana ghal dik

is-seduta, intlaqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali; inoltre b’digriet moghti fl-istess gurnata l-appell ta’ Raymond Caruana gie dikjarat desert;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta’ Novembru 2004 fl-ismijiet **Raymond Caruana v. Avukat Generali** li permezz taghha kkonfermat sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Ottubru 2004 li permezz taghha d-decizjonijiet imsemmija gew annullati;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti ta’ l-10 ta’ Marzu 2006 li permezz taghha l-appell ta’ l-Avukat Generali gie dikjarat null;

Rat il-verbal tat-30 ta Marzu 2006 li permezz tieghu Dottor Roberto Montalto ghall-appellant iddikjara li kien qieghed jirtira l-aggravju li jirrigwarda t-tlettax-il imputazzjoni;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) dwar it-tieni imputazzjoni, li l-element materjali tar-reat ma giex ippruvat u lanqas li l-appellant kien jaf li l-vettura in kwistjoni kienet gejja minn provenjenza illegittima; (2) dwar it-tielet imputazzjoni, li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-vettura fil-Police Compound hija dik li nsterqet u li n-number plates GTM-217 kienu foloz; (3) dwar il-hames imputazzjoni, li s-sottomissjonijiet dwar it-tielet imputazzjoni japplikaw ukoll ghal din l-imputazzjoni, u inoltre li l-artikoli 15(1)(b) u 18 tal-Kap. 65 inghataw lilu bi zball ghax l-imputazzjoni ma tinkwadrax ruhha f’dawk l-artikoli; (4) dwar is-seba’ imputazzjoni, li ma ngabitx prova li l-vapur MV Zebbug dahal Malta fl-24 ta’ Frar 1998, u li ma setax kellu l-intenzjoni li jevadi t-taxxa jew is-sisa galadarba kellu *exemption order*; (5) dwar it-tmien imputazzjoni, li l-prosekuzzjoni ma esebietx l-ewwel parti tal-formula fejn suppost ikun hemm id-dikjarazzjoni mill-esportatur; (6) dwar id-disa’ imputazzjoni, li jekk l-

importazzjoni tal-vettura ma saritx bi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana, l-element essenzjali ta' din l-imputazzjoni ma jissussistix; (7) dwar l-ghaxar imputazzjoni, li ma ngabitx prova li wara l-importazzjoni tal-vettura in kwistjoni, l-appellant ma marx jaghmel id-dikjarazzjoni opportuna; (8) dwar il-hdax-il imputazzjoni, li, minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal dwar l-*exemption order*, tul dawn il-proceduri tnehhew id-dazji fuq l-importazzjoni ta' vetturi mill-Ewropa u ghalhekk se mai huma soggetti ghat-Taxxa tal-Valur Mizjud; (9) dwar it-tnax-il imputazzjoni, li qatt ma kellu l-intenzjoni jiffroda l-Gvern galadarba kellu l-*exemption order*; (10) dwar it-tlettax-il imputazzjoni, li, minhabba t-tibdil fil-ligi, l-appellant kellu jigi kkundannat ihallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u mhux it-Taxxa tas-Sisa. Dawn l-aggravji, salv ghall-ghaxar aggravju li gie rtirat, kif inghad, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2006, sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*:

<u>L-ewwel aggravju</u>

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-appellant gie akkuzat b'ricettazzjoni tal-vettura Volvo Tractor FH 12 bin-numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952. L-appellant josserva illi biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu ppruvati tliet elementi: (1) li l-oggett in kwistjoni gej mill-kommissjoni ta' reat, (2) li l-imputat ikun ircieva jew xtara dan l-oggett, u (3) li l-imputat kien jaf li l-oggett kien ta' provenjenza illegittima.

Dwar il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni f'dar-rigward, l-appellant jghid fl-ewwel lok li mhuwiex jikkontesta li vettura ta' l-ghamla Volvo Tractor FH 12 insterqet minn Marsilja fi Franza. Pero` l-provi ma jwasslux biex jista' jinghad illi l-vettura esebita f'dawn il-proceduri hija dik misruqa minn gewwa Marsilja.

Skond l-appellant, ix-xiehda tal-proprjetarju Estrugul Alisan hi dubjuza. Jghid li filwaqt li dan ix-xhud jghid li kapaci jirrikonoxxi l-vetturi tieghu minn ezami tal-magna u n-numru tax-*chassis* taghhom, huwa stess ammetta li meta ra l-vettura (minn hawn 'il quddiem ghall-pratticita` msejjah "trakk") fil-Police Compound f'St. Andrew's ma

ezaminax il-magna u x-*chassis*. Minflok, huwa wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu fuq informazzjoni moghtija lilu mill-Pulizija. L-appellant isostni li l-Pulizija ma fornietx lix-xhud bin-numru tax-*chassis* tat-trakk li kien qieghed jinzamm gewwa l-Compound, izda tatu n-numru tax-*chassis* tat-trakk li kien insteraq minn gewwa Marsilja. Inoltre, ikompli l-appellant, ix-xhud stess ikkonferma li hemm diversi vetturi ta' l-ghamla Volvo FH madwar l-Ewropa kollha. Allura t-trakk gewwa l-Police Compound, jargumenta l-appellant, seta' kien wiehed li ma jappartjenix lis-socjeta` Turka peress illi t-trakk misruq ma kienx uniku.

L-appellant jirreferi wkoll ghal dak li qal l-espert tekniku Joseph Zammit fir-relazzjoni tieghu fis-sens li meta ezamina t-trakk gewwa l-Police Compound, huwa nnota illi kien hemm tbaghbis konsistenti f'limar fl-ahhar sitt *digits* tan-numru tax-*chassis*. Id-differenza bejn in-numru tax-*chassis* tat-trakk misruq minn Marsilja u dak tat-trakk mizmum fil-Police Compound, hija biss fin-numru ta' qabel ta' l-ahhar, fis-sens illi filwaqt illi t-trakk misruq minn Franza jgib in-numru tax-*chassis* 188558, it-trakk mizmum gewwa l-Compound igib in-numru 188568. Ghalhekk, isaqsi l-appellant, ghaliex kien hemm il-bzonn illi jigu mbaghbsa sitt numri sabiex jinbidel numru wiehed biss jekk it-trakk gewwa l-Compound huwa l-istess wiehed li nsteraq minn Marsilja?

L-appellant jirreferi ghad-dokumenti pprezentati mill-prosekuzzjoni u mahruga mill-Volvo Truck Corporation li jikkonfermaw id-dettalji tat-trakk li nsteraq minn Marsilja. Fil-kamp penali, jghid l-appellant, ir-regola ta' l-ahjar prova kienet tirrikjedi li l-prosekuzzjoni tipprezenta prova tal-fatt illi t-trakk bin-numru tax-*chassis* 188568 kien jappartjeni lil xi persuna ohra u li ghalhekk in-numru fuq ix-*chassis* tat-trakk fil-Police Compound kien gie stampat abbuzivament, jew li s-socjeta` Volvo Truck Corporation qatt ma mmanifatturat trakk bix-*chassis* b'dak in-numru.

Huwa minnu li x-xhud Estrugul Alisan jghid illi huwa jista' jidentifika l-vetturi tieghu anke jekk mahruqin una volta li jara l-magna u n-numru tax-*chassis*, u li jammetti li fil-kaz

tat-trakk in kwistjoni dawn ma rahomx izda gie mgharraf mill-Pulizija li kellhom l-istess numri bhal dawk fuq id-dokumenti li huwa esebixxa fil-Qorti. Mill-banda l-ohra hemm provi ohra li jwasslu lil din il-Qorti ghall-konvinzjoni morali li t-trakk li jinsab fil-Police Compiound – u li Estrugul Alisan ra b'ghajnejh – huwa l-istess trakk li kien insteraq minn Marsilja. Bhat-trakk ta' Alisan, it-trakk fil-Police Compound u esebit f'dawn il-proceduri wara li gie elevat mill-pussess ta' l-appellant, huwa Volvo Tractor FH 12, mudell ta' l-1998 u li kien ta' kulur blu ("kien" peress illi l-appellant stess ammetta li kien hadu biex jigi sprejjat abjad, kif jikkonferma l-i*sprayer* stess Jimmy Baldacchino). Barra minn hekk, meta gie ezaminat mill-espert tekniku, instab li kien fil-kundizzjoni originali tieghu, ghajr li kien inzebagh abjad u kien sarlu tank addizzjonali tad-*diesel*. Il-kilometragg kien baxx – indikazzjoni li ma kienx ilu fit-triq. Difatti mid-dokumenti esibiti minn Alisan jirrizulta li l-*invoice* nhareg fit-22 ta' Ottubru 1997 u t-trakk gie registrat it-Turkija fil-31 ta' Ottubru 1997. It-trakk imbaghad insteraq fil-21 ta' Frar 1998, tlett ijiem qabel ma ngab Malta. Jirrizulta wkoll illi n-numru tal-magna kien l-istess u mill-provi ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-magna giet b'xi mod manomessa. L-ewwel parti tan-numru tax-*chassis* (YV2A4B3A7WB) ukoll jaqbel. Kwantu ghall-ahhar sitt numri, l-appellant isaqsi kienx hemm bzonn jinbidlu l-ahhar sitt numri meta fil-fatt inbidel numru wiehed biss. Ghall-Qorti r-risposta hija evidenti – li huwa aktar facli tbiddel l-ahhar sitt numri biex it-tipa taghhom tkun tixxiebah milli taqbad numru wiehed biss u tbiddel lilu. Fi kwalunkwe kaz, il-fatturi l-ohra kollha msemmija huma sufficjenti biex iwasslu ghall-konvinciment morali li l-vettura esebita f'dawn il-proceduri hija l-istess vettura li nsterqet minn Marsilja.

L-appellant jikkummenta wkoll dwar it-tielet element tar-reat ta' ricettazzjoni. Jghid li l-prosekuzzjoni asserixxiet illi kien hemm zewg fatturi illi jindikaw li l-appellant missu ppresuppona illi t-trakk kien misruq, senjatament il-fatt illi t-trakk gie konsenjat lilu minghajr *number plates*, u l-fatt illi l-*invoice* pprezentat mill-appellant kien wiehed falz. L-appellant josserva illi fl-ebda stadju tal-proceduri ma ngabet prova mill-prosekuzzjoni illi t-trakk kien gie

konsenjat lilu minghajr *number plates*. Jirreferi ghall-istqarrija tieghu fejn qal li meta ha l-konsenja tat-trakk, l-istess trakk kien qieghed jiccirkola t-toroq Taljani – vettura ma tistax tigi misjuqa f'pajjiz minghajr pjanci tan-numru ta' registrazzjoni. Jghid imbaghad li l-invoice kienet inghatatlu mill-bejjiegh tal-vettura, certu John Smith. Mill-investigazzjonijet li saru da parti ta' l-Interpol fl-indirizz indikat, irrizulta li hemm kien jirrisjedi certu Jim Smith li gie deskritt bhala *"a shrewd businessman"*. Fl-istess dokument, certu DS Parker ma eskludiex il-fatt illi dan Jim Smith seta' kien involut fl-esportazzjoni ta' trakkijiet u *spare parts* misruqin. L-appellant jghid li fil-kamp penali din il-prova ma tfisser xejn ghaliex il-mera possibilita` li Smith kien involut f'negozju illecitu ma tlahhaqx il-grad ta' prova rikjesta mil-ligi. Fl-aghar ipotesi, jissokta l-appellant, tali evidenza qatt ma tista' tfisser illi huwa kien a konoxxenza ta' dan l-istat ta' fatt, u wisq anqas li per forza Smith qarraq bih, u jekk fil-fatt qarraq bih allura ma jista' jigi imputat l-ebda *mens rea* fil-konfront ta' l-appellant.

L-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li huwa hati ta' reat kull min "f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom". Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza. Jigifieri x-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz.[1]

Fil-fehma tal-Qorti c-cirkostanzi juru li l-appellant kien jaf jew almenu messu ragjonevolment kien jaf li t-trakk kien gej minn provenjenza kriminuza. Nonostante, kif se naraw, li kellu *exemption order*, huwa dahhal it-trakk Malta billi wahhal mieghu *number plate* ta' trakk simili li kellu registrat f'ismu, u pprezenta lid-Dwana dokument biex

---

[1] Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

jaghmel ta’ birruhu li huwa kien esporta dak it-trakk temporanejament minn Malta. Kieku l-appellant kellu mohhu mistrieh li t-trakk ma kienx gej minn provenjenza kriminuza, ma kienx ikollu ghalfejn jaghmel dawn il-manuvri kollha.

Ciononostante, huwa evidenti mill-provi li l-att ta’ ricettazzjoni sehh gewwa l-Italja. Issa, il-Manzini jghid[2]:

**“… il delitto di ricettazione ha carattere di reato *istantaneo*, e non *permanente*, ancorche` il fatto possa avere effetti permanenti. Tutto cio` che avviene dopo il suddetto momento consumativo del delitto di ricettazione (e che non concreti per se` stesso un reato), non puo` costituire, nella ipotesi dell’acquisto, della ricezione o dell’occultamento, che l’esercizio del possesso sul denaro o sulla cosa ricettata, come nel delitto di furto, mentre il reato non consiste nell’esercizio del possesso, bensi nell’acquisto, nella ricezione o nell’occultamento del denaro o della cosa, fatto che si esaurisce appena conseguito il possesso. E` poi particolarmente manifesto il carattere dell’istantaneita` del delitto di ricettazione nell’ipotesi dell’intromissione. Le varie pratiche, che il mediatore puo` esplicare con la stessa o con piu` persone per far acquistare, ricevere od occultare il denaro o le alter cose delittuose, non mantengono il delitto in stato di permanenza, ma possono dar luogo al delitto *continuato*, quando siano costituite da fatti commessi in diversi contesti d’azione, tenuto sempre presente che ogni singola azione, diretta allo scopo indicato, e` per se` sola consumativa del reato, per il quale non si esige il conseguimento dell’intento del colpevole.”**

Stante n-natura istantanea tar-reat, u peress illi jirrizulta li r-ricettazzjoni tat-trakk saret fl-Italja u mhux f’Malta, u stante li t-trakk baqa’ dejjem fil-pussess ta’ l-appellant li fil-fatt jghid li xtrah, il-Qrati Maltin m’ghandhomx gurisdizzjoni biex jiggudikaw dan ir-reat.

---

[2] Diritto Penale Italiano – Delitti Contro il Patrimonio Vol. IX.

<u>It-tieni aggravju</u>

L-appellant jghid l-ewwelnett illi sabiex tissussisti t-tielet imputazzjoni, il-prosekuzzjoni kellha tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-Volvo Tractor FH12 mizmum gewwa l-Police Compound f'St. Andrew's huwa l-Volvo Tractor FH12, mudell ta' l-1998, bin-numru ta' registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952, u skond l-appellant din il-prova ma saritx.

Kif diga` rajna, pero`, hemm provi sodisfacenti li jwasslu ghall-konvinciment morali li hawn si tratta ta' l-istess vettura.

L-appellant imbaghad jghid illi n-*number plates* GTM-217 ma kinux foloz u nghataw lilu mill-awtorita` kompetenti. Biex l-imputazzjoni treggi, il-prosekuzzjoni kellha tressaq provi dwar kif in-*number plates* imsemmija kienu foloz u dwar kif l-appellant kiseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew haddiehor billi wahhal dawn il-pjanci foloz fuq it-trakk.

Hawn l-appellant jinsab akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

**"Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa:**
**Izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla."**

Il-prosekuzzjoni ssostni illi l-appellant ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal set ta' *number plates* foloz fuq it-trakk mertu ta' dan il-kaz.
Ir-reat deskritt fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta’ Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

**“Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b’dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin *“non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero”*. Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta’ falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta’ fatti jew dikjarazzjoni ta’ volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S’intendi, b’kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta’ nies. Il-kitba f’dan is-sens tista’ ssir kemm bl-id kif ukoll b’mezzi mekkanici, b’mezz indelibbli jew li jista’ jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc.”**

Fil-kaz in ezami, minn imkien ma jirrizulta illi n-*number plates* GTM-217 kienu foloz. Iva ma kinux jappartjenu lit-trakk importat, izda kienu n-*number plates*, anzi *number plate* (ghax l-appellant jghid li wahhal *number plate* wiehed u f’dan mhuwiex kontradett) ta’ trakk iehor simili licenzjat lill-appellant (ara xiehda ta’ Brian Farrugia mid-Dipartiment tal-Licenzji). Fl-istqarrija tieghu l-appellant fil-

fatt jghid illi qabel ma mar jiltaqa’ ma’ min bieghlu t-trakk, ha pjanca minn tlieta li ghandu mill-vettura l-ohra GTM-217 li halla Reggio u meta kien Ruma wahhalha fuq it-trakk mertu tal-kaz. Jigifieri n-*number plates*, ossia *number plate* li wahhal fuq dan it-trakk ma kienx *number plate* falz. Kwindi din l-imputazzjoni ma tirrizultax.[3]

<u>It-tielet aggravju</u>

Bhal fit-tieni aggravju, jghid l-appellant, anke fir-rigward tal-hames imputazzjoni l-prosekuzzjoni kellha tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-Volvo Tractor FH 12 mizmum fil-Police Compound huwa l-Volvo Tractor FH 12, mudell tal-1998, bin-numru ta’ registrazzjoni tat-Turkija 34-TC-0952. Hawn ukoll din il-Qorti tirreferi ghal dak li diga` gie determinat precedentement f’din is-sentenza.

Kwantu ghall-fatt li hawn l-appellant jinsab akkuzat bi ksur ta’ l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in vista ta’ dak li ntqal meta kien qieghed jigi kkusnidrat it-tieni aggravju, stante li n-*number plate* uzat mill-appellant ma kienx wiehed falsifikat, allura ma kellux jinstab hati lanqas ta’ ksur ta’ dan l-artikolu.

Dwar l-artikoli 15(1)(b) u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, pero`, dawn ma nghatawx lilu bi zball. Li gara huwa illi l-imsemmi Kap. gie emendat diversi darbi mill-1999 ‘l hawn. Ghalhekk l-artikoli applikabbli huma dawk vigenti fl-1998. L-artikolu 15(1)(b) fil-fatt kien jipprovdi li huwa hati ta’ reat kull min “jaghmel uzu ta’ numru ta’ identita` divers minn dak li jkun gie moghti lilu mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku”. Imbaghad l-artikolu 18 kien jipprovdi ghall-pieni applikabbli *inter alia*, f’kaz ta’ ksur ta’ regolamenti maghmulin taht il-Kap. 65. Ir-regolamenti appikabbli kienu r-regolamenti 17 u 31 ta’ l-Avviz Legali 128/1994 (sussegwentement revokati bl-A.L. 476 tas-sena 2004 meta dahlu fis-sehh regolamenti godda dwar ir-registrazzjoni ta’ vetturi). Ir-regolament 17 kien jittratta l-obbligu ta’ registrazzjoni ta’ kull vettura,

[3] Ara wkoll Appell klriminali **Il-Pulzijija v. Elton George Spiteri**, 23 ta’ Frar 2007.

ghajr dawk tat-trasport pubbliku, mal-Kummissarhju tal-Pulizija, filwaqt illi r-regolament 31 kien jittratta l-htiega li kull vettura registrata kellu jkollha numru ta’ identita` moghti lilha mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Fil-kaz in ezami, filwaqt illi l-appellant ma setax jinstab hati bi ksur ta’ l-artikolu 15(1)(b) tal-Kap. 65 peress li numru ta’ identita` ma kienx gie moghti lilu ghat-trakk, huwa korrettement instab hati ta’ ksur tar-regolamenti 17 u 31 msemmija peress illi la kien irregistra t-trakk in kwistjoni u lanqas allura ma kellu fuqu numru ta’ identita` moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ir-raba’ aggravju

Dan l-aggravju jirrigwarda l-imputazzjoni ta’ evazjoni ta’ dazju. L-appellant jghid li din l-imputazzjoni hi bazata fuq il-fatt illi fl-24 ta’ Frar 1998 huwa dahhal f’Malta t-trakk in kwistjoni. Skond l-appellant m’hemm l-ebda prova li turi li l-vapur MV Zebbug wasal Malta f’dik id-data.

L-appellant m’ghandux ragun. Difatti fuq id-Dok. CSH a fol 101 *a retro* hemm dikjarazzjoni cara li l-vettura waslet Malta bl-MV Zebbug fl-24 ta’ Frar 1998. Difatti fit-tielet parti tal-formola li tintuza *“at time of re-importation”*, fil-parti li tghid *“Examined, satisfied and released ex s.s.”* ir-*“releasing officer”* Michael Zahra kiteb *“MV Zebbug 24/2/98”* u hemm ukoll it-timbru tad-Dwana b’dik id-data.

L-appellant jghid ukoll li quddiem l-ewwel Qorti huwa esebixxa *exemption order* mahrug mill-Malta Development Corporation, u li kien jezentah mill-hlas ta’ kwalsiasi *“Import Duty, Excise Tax on Imports and Excise Tax on Products to be used exclusively at Raymond Caruana, Edelweiss, A. Aquilina Street, Zebbug”*. Dan l-ordni jaghmel referenza biss ghal “Mechanical Horse [Volvo FH12]” u ma jispecifikax in-numru ta’ registrazzjoni jew ix-*chassis number* tat-trakk in kwistjoni. Il-validita` ta’ dan l-ordni hija soggetta ghall-kundizzjoni li din l-ezenzjoni hija valida biss ghall-perijodu li fih l-appellant ikun qieghed joffri s-servizzi tieghu lil Messrs Express Trailers Ltd. Jghid li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tal-

prosekuzzjoni dwar jekk l-appellant ghadux joffri s-servizzi tieghu lil Messrs Express Trailers Ltd. L-appellant jghid illi huwa kuncett bazilari fil-ligi penali li sabiex persuna tinsab hatja ta’ reat, iridu jikkonkorru z-zewg elementi ta’ l-*actus reus* u tal-*mens rea*. Fir-rigward tas-seba’ imputazzjoni, kif jista’, isaqsi l-appellant, wiehed jasal ghall-konkluzjoni li huwa kellu l-*mens rea* necessarja sabiex jevadi t-taxxa jew sisa fuq l-importazzjoni tat-trakk meta kien inghata *exemption order* fuq l-istess taxxa jew sisa?

It-twegiba hija facli. L-appellant dahhal il-vettura in kwistjoni Malta b’mod irregolari, kemm billi wahhal fuqha pjanca b’numru li ma kinitx taghha kif ukoll billi fuq it-*temporary exportation permit* nizzel dettalji ta’ vettura ohra simili. Il-Qorti tinsab ferm sorpriza kif l-appellant jista’ jippretendi li *exemption order* japplika ghal oggett li mhux biss iddahhal irregolarment izda li ukoll kien misruq. Barra minn hekk l-istess *exemption order* jghid li huwa *“Subject to the fulfilment by the haulier of all the conditions and obligations under the Ordinance”* u *“provided that the Comptroller of Customs is satisfied that these articles are being imported by or on behalf of the hauler as plant, machinery and equipment related to inter-continent haulage service.”*

Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

<u>Il-hames aggravju</u>

Hawn l-appellant jilmenta dwar il-fatt illi l-fizzjal tad-Dwana Joseph Borg esebixxa parti biss mid-dokumentazzjoni li tirrigwarda l-esportazzjoni temporaneja ta’ vetturi. Jghid illi x-xhud ma esebiex dik il-parti intestata *“Undertaking by tourists for temporary exportation of private road vehicles”* u esebixxa biss dik intestata *“Temporary exportation permit for private road vehicles”*. Ghalhekk ma gietx esebita d-dikjarazzjoni li huwa allegatament ghamel lid-Dwana, cioe` dik li l-appellant jirreferi ghaliha hala l-ahjar prova peress illi fiha hemm id-dikjarazzjoni li ghamel filwaqt illi t-tieni parti (dik esebita) ma tinkludix id-dikjarazzjoni tieghu. L-appellant josserva wkoll illi t-trakk gie rilaxxat wara li saru l-verifiki mid-Dwana sabiex jigi

kkonfermat illi t-trakk in kwistjoni kien l-istess wiehed li gie esportat.

L-ewwelnett din l-imputazzjoni (ghalkemm miktuba b'terminologija differenti) evidentement tirreferi wkoll ghal ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tesebixxi il-formula intestata *"Undertaking by tourists for temporary exportation of private road vehicles"*. Il-formola relevanti hi fil-fatt dik esebita peress fiha, almenu *on the face of it*, hemm id-dettalji tat-trakk li suppost gie esportat, il-verifika da parti tad-Dwana li gie hekk esportat, u l-verifika da parti tad-Dwana li gie ri-importat. Issa, jekk niehdu l-parti li timtela mit-"turist", f'dan il-kaz l-appellant, insibu li d-dettalji hemm imnizzla suppost jirreferu ghat-trakk li huwa kellu diga` registrat f'ismu bin-numru GTM-217. Pero` la n-numru tal-magna u lanqas in-numru tax-*chassis* ma jaqblu mat-trakk registrat. Mix-xiehda ta' Brian Farrugia jirrizulta illi t-trakk GTM-217 ghandu magna numru 1373821 (dik fuq il-formola hi C80235746) u n-numru tax-*chassis* hu YV2H2B4A5JA320203 (in-numru moghti fuq il-formola hu 221902). Aktar minn hekk pero`, il-kulur gie indikat bhala ta' kulur "blue", mentri l-appellant fl-istqarrija tieghu qal li l-vettura tieghu GTM-217 hi ta' kulur abjad. Din il-Qorti ma setghetx ma tinnotax pero` li mad-daqqa t'ghajn jidher li l-kelma *"blue"* ma nkitbitx fl-istess hin tad-dettalji l-ohra tal-vettura peress illi jidher li ntuza biro differenti.

Hija din il-formola, b'dan it-taghrif falz, li l-appellant ipprezenta lid-Dwana sabiex idahhal il-vettura li gie lura biha fl-24 ta' Frar 1998. Il-fatt li r-*"releasing officer"* awtorizza d-dhul ifisser biss li ma ezaminax in-numru tal-magna u n-numru tax-*chassis*. Ra li l-vettura kienet ta' kulur blu u halla lill-appellant (li mill-atti stess jidher li diehel u hiereg Malta ghax xoghlu hu li jsuq dawn it-tipi ta' vetturi) jidhol.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll michud.

Is-sitt aggravju

L-appellant jghid illi sabiex tissussisti d-disa' imputazzjoni, irid jinsab hati bi ksur tal-Kap. 37. In vista tac-cahda tar-raba' aggravju, dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Is-seba' aggravju

L-appellant jghid illi m'hemm l-ebda prova illi sussegwentement ghall-importazzjoni huwa ma marx jaghmel id-dikjarazzjoni mehtiega. Jghid ukoll illi meta l-Kontrollur tad-Dwana hareg il-*letter to prosecute* fl-24 ta' Frar 1999 ghadda xahar sakemm tressaq quddiem l-ewwel Qorti u ma ngabitx prova li ma rregolarizzax il-posizzjoni tieghu f'dak ix-xahar.

Skond l-artikolu 6(3) tal-Kap. 337 tal-Ligijiet ta' Malta, **"[i]l-persuna responsabbli ghall-hlas ta' dazju skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ghandha, fi zmien gimgha mindu tkun saret is-sid ta' l-oggetti msemmijin fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, taghmel dikjarazzjoni shiha ta' dawk l-oggetti skond l-Ordinanza tad-Dwana."**

L-appellant dahhal it-trakk in kwistjoni bhala s-sid tieghu. Il-fatt li dahhal dan it-trakk Malta bil-pjanca ta' trakk iehor diga` registrat f'ismu, juri li ma kellu ebda intenzjoni jaghmel id-dikjarazzjoni appozita. Huwa irizorju mbaghad li jilmenta li ma ngabet ebda prova li ma ddikjarahx f'dak ix-xahar bejn il-hrug tal-*letter to prosecute* u d-data li tressaq il-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, jekk qieghed b'xi mod jallega li ghamel tali dikjarazzjoni, il-prova kellu jgibha hu.

It-tmien aggravju

L-appellant jibda biex jirreferi mill-gdid ghall-*exemption order*, izda dwar dan din il-Qorti diga` ttrattat aktar qabel.

L-appellant imbaghad jghid illi tul dawn il-proceduri tnehhew id-dazji fuq l-importazzjoni ta' vetturi mill-Ewropa, b'dan illi d-dazju huwa pagabbli biss fuq vetturi li huma impurtati minn barra l-Ewropa.

L-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi, *inter alia*:

**“(1) Meta xi Att mghoddi wara l-bidu fis-sehh ta’ dan l-Att ihassar xi ligi ohra, kemm-il darba ma jidhirx hsieb kuntrarju, it-thassir m’ghandux -**
**…**
**(b) jolqot it-thaddim ta’ xi ligi qabel ma kienet hekk imhassra jew xi haga maghmula jew li halliet issir taht xi ligi hekk imhassra;**
**…**
**(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wiehed seta’ jehel dwar xi reat li jkun sar kontra xi ligi hekk imhassra, jew xi responsabbiltà ghal xi penali, konfiska jew piena bhal dawk;**
**…**
**u kull stharrig, procedimenti legali, jew rimedju bhal dawk jistghu jinbdew, jitkomplew, jew jigu nforzati ….”**

Issa, minbarra illi ma jidher ebda hsieb kuntrarju tal-legislatur fil-Kap. 337, u cioe` li dak li kien dovut, ma jibqax aktar dovut, l-appellant irid jiftakar illi huwa importa t-trakk b’mod irregolari. Imbaghad oggetti provenjenti mill-Komunita` Ewropea jkunu certifikati hekk bic-certifikat EUR 1 bhala prova ta’ l-origini taghhom.

Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

<u>Id-disa’ aggravju</u>

Mill-gdid l-appellant jirreferi ghall-ezenzjoni fl-*exemption order* u li ghalhekk ma setax ikollu l-hsieb li jiffroda lill-Gvern.

Ghar-ragunijiet diga` moghtija meta kien qieghed jigi kkunsidrat ir-raba’ aggravju dan l-aggravju huwa michud.

Kif diga` nghad, l-ghaxar aggravju gie rtirat u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-piena. L-appellant gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Inoltre gie kkundannat multa ta' Lm41,125 rapprezentanti Lm35,000 d-doppju tal-valur tat-trakk importat, Lm3,500 id-dazju dovut u Lm2,625 is-sisa dovuta.

Kwantu ghall-multa bi ksur tal-provvedimenti tal-ligi tad-Dwana, jirrizulta li fil-mori tal-kawza saru emendi fil-Kap. 37 ghal dak li jirrigwarda l-piena li minnhom ghandu jibbenefika l-appellant in vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 27[4] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandha tinghata l-piena lanqas gravi fejn il-piena fi zmien il-kawza hi differenti minn dik fi zmien ir-reat, u peress illi "ma jidhirx [li kien hemm] hsieb kuntrarju"[5] meta saru dawn l-emendi. Fil-fatt il-piena issa applikabbli hi dik ta' multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), skond liema jkun l-akbar. Fil-kaz in ezami, id-dazju fuq it-trakk kien ta' Lm3,500, illum €8,152.80. Tliet darbiet dan id-dazju jammonta ghal Lm10,500, ossia €24,458.42. It-taxxa tas-sisa ammontanti ghal Lm2,625, ossia llum €6,114.60 tibqa' l-istess. Ghalhekk il-multa komplessiva li l-appellant irid ihallas hi ta' €30,573.02. L-ewwel Qorti ma kinitx ordnat li terz mill-multa ghandu jitqies dejn civili, u meta appella l-Avukat Generali lanqas ma talab li ghandu jinghata tali ordni. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax issa taghmel tali ordni.

Kwantu ghas-sentenza ta' sentejn prigunerija, stante li dwar it-tieni imputazzjoni il-Qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni u stante li l-appellant se jigi dikjarat mhux hati tat-tielet u tal-hames imputazzjonijiet in kwantu dawn jirrigwardaw ksur ta' l-artikoli 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, irid ikun hemm necessarjament temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

---

4 " Jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi. "

5 Ara artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, u ghalhekk (1) tirrevokaha in kwantu ddikjarat lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjara li dawn il-Qrati m’ghandhomx gurisdizzjoni fuq ir-reat imsemmi fit-tieni imputazzjoni peress illi l-fattispecie tieghu gew ikkunsmati f’pajjiz iehor, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, (2) tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah; (3) tirrevokaha in kwantu ddikjarat lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni fir-rigward ta’ ksur ta’ l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u, in kwantu dik l-imputazzjoni tirrigwarda biss il-ksur ta’ l-imsemmi artikolu 189, tiddikjarah mhux hati u minnha tilliberah; (4) tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin u minflok tikkundannah ghal disa’ xhur prigunerija liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija;(5) tirrevokaha wkoll in kwantu ordnat lill-appellant ihallas multa ta’ wiehed u erbghin elf, mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin, (Lm41,125) rappresentanti in kwantu ghal hamsa u tletin elf lira d-doppju tal-valur tal-vettura impurtata, tlett elef u hames mitt lira Maltin li hu dazju dovut fuq din il-vettura skond id-dokument CSH2 esebit a fol. 42 tal-atti odjerni u elfejn sitt mija hamsa u ghoxrin lira Maltin li huwa s-sisa dovuta skond id-dokument CSH 18 esebit fl-atti odjerni a fol. 119 u dan favur il-Gvern ta’ Malta, u minflok tikkundannah ghal multa komplessiva ta’ tletin elf hames mija tlieta u sebghin euro u zewg centezmi (€30,573.02), in kwantu erbgha u ghoxrin elf erba’ mija tmienja u hamsin euro u tnejn u erbghin centezmu (€24,458.42) dazju u in kwantu sitt elef mija u erbatax-il euro u sittin centzmu (€6,114.60) taxxa tas-sisa, u tikkonfermaha fil-bqija.

Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-

Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------